

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tas-7 ta' April 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Lietuvos vyriausiasis administracinis teismas – il-Litwanja) – UB vs Kauno teritorinė muitinė

(Kawża C-489/20) ⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kodiċi doganali tal-Unjoni – Estinzjoni tad-dejn doganali – Merkanzija mdaħħla illegalment fit-territorju doganali tal-Unjoni – Mandat u konfiska – Direttiva 2008/118/KE – Dazji tas-sisa – Direttiva 2006/112/KE – Taxxa fuq il-valur miżjud – Fatt taxxabbli – Eżiġibbiltà)

(2022/C 213/13)

Lingwa tal-kawża: il-Litwan

Qorti tar-rinviju

Lietuvos vyriausiasis administracinis teismas

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: UB

Konvenut: Kauno teritorinė muitinė

Fil-preżenza ta': Muitinės departamentas prie Lietuvos Respublikos Finansų ministerijos

Dispożittiv

- 1) L-Artikolu 124(1)(e) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, għandu jiġi interpretat fis-sens li d-dejn doganali jkun estint meta merkanzija tinqabad u sussegwentement tiġi kkonfiskata, minkejja li din tkun diġà ddaħħlet illegalment fit-territorju doganali tal-Unjoni Ewropea.
- 2) L-Artikolu 2(b) u l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/118 tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa u li jħassar id-Direttiva 92/12/KEE, kif ukoll l-Artikolu 2(1)(d) u l-Artikolu 70 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-estinzjoni tad-dejn doganali għar-raġuni prevista fl-Artikolu 124(1)(e) tar-Regolament Nru 952/2013 ma twassalx għall-estinzjoni tad-dejn marbut, rispettivament, mad-dazji tas-sisa u mat-taxxa fuq il-valur miżjud għall-merkanzija mdaħħla illegalment fit-territorju doganali tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU C 433, 14.12.2020.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tas-7 ta' April 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari ta' Nederlandstalige Ondernemingsrechtbank Brussel – il-Belġju) – Q, R, S vs United Airlines, Inc.

(Kawża C-561/20) ⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Trasport bl-ajru – Regolament (KE) Nru 261/2004 – Regoli komuni fil-qasam tal-kumpens u tal-assistenza lill-passiġġieri fil-każ ta' rifjut ta' imbark u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjira – Titjira b'konnessjoni, li tinkludi żewġ segmenti tat-titjira – Dewmien twil fid-destinazzjoni finali li joriġina mit-tieni segment ta' din it-titjira li tgħaqqad żewġ ajruporti ta' pajjiż terz – Validità ta' dan ir-regolament fid-dawl tad-dritt internazzjonali)

(2022/C 213/14)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Qorti tar-rinviju

Nederlandstalige Ondernemingsrechtbank Brussel